DIKJARAZZJONI I

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA
DWAR L-ARTIKOLU 8 TAL-FTEHIM TA' COTONOU

B'konnessjoni mad-djalogu fil-livelli nazzjonali u reġjonali, għall-finijiet ta' l-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Cotonou, "il-Grupp ta' l-ACP" għandu jfisser it-*Troika* tal-Kumitat ta' l-Ambaxxaturi ta' l-ACP (CoA) u l-President tas-SottoKumitat ta' l-ACP għall-Affarijiet Politiċi, Soċjali, Umanitarji u Kulturali (PSHCA); l-Assemblea Parlamentari Konġunta (JPA ta' l- ACP-UE)) għandha tkun interpretata bħala l-Ko-Presidenti ta' l- JPA, jew il-persuni nominati sabiex jingħataw dawk il-karigi.

DIKJARAZZJONI II

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA
DWAR L-ARTIKOLU 68 TAL-FTEHIM TA' COTONOU

Il-Kunsill tal-Ministri ACP-KE sejjer jeżamina, fl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet li jinsabu fl-Artkolu 100 tal-Ftehim ta' Cotonou, il-proposti tan-naħa ta' l-ACP dwar l-Anness II tiegħu dwar l-oxxillazzjonijiet ta' żmien qasir fl-ammonti tad-dħul mill-esportazzjoni (FLEX).

DIKJARAZZJONI III

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA
DWAR L-ANNESS Ia

Jekk il-Ftehim li jemenda l-Ftehim ta' Cotonou ma jkunx daħal fis-seħħ sa l-1 ta' Jannar 2008, il-koperazzjoni għandha tiġi finanzjata mill-bilanċi tad-disa' EDF u mill-EDFs preċedenti.

DIKJARAZZJONI IV

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA
DWAR L-ARTIKOLU 3(5) TA' L-ANNESS IV

Għall-finijiet ta' l-Artikolu 3(5) ta' l-Anness IV, "ħtiġijiet speċjali" huma ħtiġijiet li jirriżultaw minn ċirkostanzi eċċezzjonali jew imprevisti, bħal sitwazzjonijiet ta' wara xi kriżi; "prestazzjoni eċċezzjonali" tfisser sitwazzjoni li fiha, barra r-reviżjonijiet intermedja u finali, l-allokazzjoni ta' pajjiż tkun totalment impenjata u l-finanzjament addizzjonali mill-programm indikattiv nazzjonali jista' jiġi assorbit fl-isfond ta' politika effikaċi għat-tnaqqis tal-faqar u ta' tmexxija finanzjarja sana.

DIKJARAZZJONI V

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA
DWAR L-ARTIKOLU 9(2) TA' L-ANNESS IV

Għall-finijiet ta' l-Artikolu 9(2) ta' l-Anness IV, "ħtiġijiet ġodda" huma ħtiġijiet li jirriżultaw minn ċirkostanzi eċċezzjonali jew imprevisti, bħal sitwazzjonijiet ta' wara xi kriżi. "Prestazzjoni eċċezzjonali" tfisser sitwazzjoni li fiha, barra r-reviżjonijiet intermedja u finali, l-allokazzjoni ta' regjun tkun totalment impenjata u l-finanzjament addizzjonali mill-programm indikattiv nazzjonali jista' jiġi assorbit fl-isfond ta' politika effikaċi għall-integrazzjoni regjonali u ta' tmexxija finanzjarja sana.

## DIKJARAZZJONI VI

## DIKJARAZZJONI KONĠUNTA
## DWAR L-ARTIKOLU 12(2) TA' L-ANNESS IV

Għall-finijiet ta' l-Artikolu 12(2) ta' l-Anness IV, "ħtiġijiet ġodda" huma ħtiġijiet li jirriżultaw minn ċirkostanzi eċċezzjonali jew imprevisti, bħal dawk li jirriżultaw minn impenji ġodda għal inizjattivi internazzjonali jew għall-indirizz ta' sfidi li huma komuni għall-pajjiżi ta' l-ACP.

## DIKJARAZZJONI VII

## DIKJARAZZJONI KONĠUNTA
## DWAR L-ARTIKOLU 13 TA' L-ANNESS IV

Fid-dawl tas-sitwazzjoni ġeografika partikolari tar-reġjuni tal-Karibew u l-Paċifiku, il-Kunsill tal-Ministri ta' l-ACP jew il-Kumitat ta' Ambaxxaturi ta' l-ACP jistgħu, minkejja l-Artikolu 13(2)(a) ta' l-Anness IV, jippreżentaw talba għal finanzjament speċifiku għal wieħed jew għall-ieħor minn dawn ir-reġjuni.

## DIKJARAZZJONI VIII

## DIKJARAZZJONI KONĠUNTA
## DWAR L-ARTIKOLU 19A TA' L-ANNESS IV

Il-Kunsill sejjer jeżamina, skond l-Artikolu 100 tal-Ftehim ta' Cotonou, id-disposizzjonijiet ta' l-Anness IV dwar l-għoti u l-eżekuzzjoni ta' kuntratti bil-ħsieb li dawn jiġu adottati qabel ma jidħol fis-seħħ il-Ftehim li jemenda l-Ftehim ta' Cotonou.

## DIKJARAZZJONI IX

## DIKJARAZZJONI KONĠUNTA
## DWAR L-ARTIKOLU 24(3) TA' L-ANNESS IV

L-Istati ta' l-ACP sejrin jiġu konsultati, *a priori*, dwar kull emenda fir-regoli Komunitarji imsemmija fl-Artikolu 24(3) ta’ l-Anness IV.

## DIKJARAZZJONI X

## DIKJARAZZJONI KONĠUNTA
## DWAR L-ARTIKOLU 2 TA' L-ANNESS VII

L-i*standards* u n-normi rikonoxxuti internazzjonalment huma dawk ta’ l-istrumenti msemmija fil-Preambolu tal-Ftehim ta' Cotonou.

## DIKJARAZZJONI XI

## DIKJARAZZJONI TAL-KOMUNITÀ
## DWAR L-ARTIKOLI 4 U 58(2) TAL-FTEHIM TA' COTONOU

Għall-finijiet ta’ l-Artikolu 4 u 58(2), qiegħed ikun mifhum li t-terminu "awtoritajiet deċentralizzati lokali " jkopri l-livelli kollha ta’ deċentralizzazzjoni inklużi "*collectivités locales*".

DIKJARAZZJONI XII

DIKJARAZZJONI TAL-KOMUNITÀ
DWAR L-ARTIKOLU 11a TAL-FTEHIM TA' COTONOU

L-għajnuna finanzjarja u teknika fil-qasam tal-koperazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu sejra tiġi finanzjata minn riżorsi li mhumiex dawk intiżi għall-finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp ta' l- ACP-KE.

DIKJARAZZJONI XIII

DIKJARAZZJONI TAL-KOMUNITÀ
DWAR L-ARTIKOLU 11b(2) TAL-FTEHIM TA' COTONOU

Qiegħed ikun mifhum li l-miżuri disposti fl-Artikolu 11b(2) tal-Ftehim ta' Cotonou sejrin jittieħdu f'perjodu adatt li jieħu kont tal-limitazzjonijiet speċifiċi ta’ kull pajjiż.

DIKJARAZZJONI XIV

DIKJARAZZJONI TAL-KOMUNITÀ
DWAR L-ARTIKOLI 28, 29, 30 U 58 TAL-FTEHIM TA' COTONOU U DWAR L-ARTIKOLU 6 TA' L-ANNESS IV

L-implementazzjoni tad-disposizzjonijiet dwar  koperazzjoni reġjonali fejn ikunu involuti pajjiżi mhux ta’ l-ACP sejra tkun suġġetta għall-implementazzjoni ta’ disposizzjonijiet ekwivalenti fil-qafas ta’ l-istrumenti finanzjarji tal-Komunità dwar il-koperazzjoni ma’ pajjiżi u reġjuni oħra fid-dinja. Il-Komunità sejra tinforma lill-Grupp ta’ l-ACP mad-dħul fis-seħħ ta' dawn id-disposizzjonijiet ekwivalenti.

DIKJARAZZJONI XV

DIKJARAZZJONI TA' L-UNJONI EWROPEA
DWAR L-ANNESS Ia

1. L-Unjoni Ewropea timpenja ruħha li ma' l-ewwel okkażjoni, jekk possibbli sa Settembru 2005, tipproponi ammont eżatt għall-qafas finanzjarju pluriennali għall-koperazzjoni taħt il-Ftehim li jemenda l-Ftehim ta' Cotonou u l-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu.

2. L-eżerċiżżju ta' għajnuna minima msemmi fil-paragrafu 2 ta' l-Anness Ia huwa garantit, mingħajr preġudizzju għall-eliġibbiltà tal-pajjiżi ta' l-ACP għal riżorsi addizjonali li jaqgħu taħt strumenti finanzjarji oħra li diġà jeżistu jew li jistgħu jinħolqu bħala appoġġ f'oqsma bħal dawk ta' għajnuna umanitarja ta' emerġenza, tas-sigurtà ta' l-ikel, ta' mard marbut mal-faqar, ta' appoġġ għall-implementazzjoni ta' Ftehim ta' Cotonou Ekonomika, ta' appoġġ għall-miżuri previsti konsegwentement tar-riforma tas-suq taz-zokkor, u dawk marbuta mal-paċi u l-istabbiltà.

3. L-iskadenza għall-impenn tal-fondi tad-Disa' EDF, stabbilita għall-31 ta' Diċembru 2007, tista' tiġi riveduta jekk ikun hemm il-bżonn.

## DIKJARAZZJONI XVI

## DIKJARAZZJONI TAL-KOMUNITÀ
## DWAR L-ARTIKOLI 4(3), 5(7), 16(5) U (6) u 17(2) TA' L-ANNESS IV

Dawn id-disposizzjonijiet huma mingħajr preġudizzju għar-rwol ta' l-Istati Membri fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet.

## DIKJARAZZJONI XVII

## DIKJARAZZJONI TAL-KOMUNITÀ
## DWAR L-ARTIKOLU 4(5) TA' L-ANNESS IV

L-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 4(5) ta' l-Anness IV u r-ritorn għall-arranġamenti *standard* ta' amministrazzjoni sejrin isiru permezz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ibbażata fuq proposta mill-Kummissjoni. Din id-Deċiżjoni tkun notifikata kif dovut lill-Grupp ta' l-ACP.

DIKJARAZZJONI XVIII

DIKJARAZZJONI TAL-KOMUNITÀ
DWAR L-ARTIKOLU 20 TA' L-ANNESS IV

Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 20 ta' l-Anness IV sejrin ikunu implimentati konformement mal-prinċipju ta' reċiproċità ma' donaturi oħra.

DIKJARAZZJONI XIX

DIKJARAZZJONI TAL-KOMUNITÀ
DWAR L-ARTIKOLI 34, 35 U 36 TA' L-ANNESS IV

Ir-responsabbiltajiet rispettivi dettaljati ta’ l-aġenti inkarigati mill-amministrazzjoni u mill-eżekuzzjoni tar-riżorsi tal-Fondi huma inklużi f'manwali dwar il-proċeduri li dwaru l-Istati ta' l-ACP sejrin jiġu konsultati skond l-Artikolu 12 tal-Ftehim ta' Cotonou. Il-manwali għandu jitqiegħed għad-disposizzjoni ta' l-Istati ta' l-ACP minn meta jidħol fis-seħħ il-Ftehim li jemenda l-Ftehim ta' Cotonou. Kull emenda f’dan il-manwali sejra tkun suġġetta għall-istess proċedura.

DIKJARAZZJONI XX

DIKJARAZZJONI TAL-KOMUNITÀ
DWAR L-ARTIKOLU 3 TA' L-ANNESS VII

Fir-rigward tal-modalitajiet previsti fl-Artikolu 3 ta’ l-Anness VII, il-pożizzjoni li trid tittieħed mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Ministri sejra tkun ibbażata fuq proposta mill-Kummissjoni.